MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru 530/2004

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Charlo Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 555977(M) akkuzat talli:

1. fil-5 ta’ Mejju 2002 ghall-habta tas-12:15p.m. fi Triq il-Milend, Hamrun, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Noel Gatt f’periklu car, ikkagunajt feriti ta’ natura gravi, liema feriti ikkagunawlu debulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gabu difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem skond kif iccertifikaw Dr. Andrew Cassar, M.D. u Dr. Paul Gatt M.D.

MRCP(UK) u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 216(1)(a) tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap 152 moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4.10.2000, fejn hu kien instab hati ta’ reati u gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien sentejn (2) minn dik id-data.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex minbarra li tapplika l-piena ta’ htija, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir bi procedura sommarja mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Meta xehed it-Tabib Paul Gatt huwa stqarr li kien ikklassifika l-ferita fuq il-parti ta’ quddiem tar-ras tal-parti leza bhala gravi kemm ghaliex kienet tipperdura aktar minn tlettin jum u kemm ghaliex kienet fir-regjun tar-ras. Pero’ zied jghid li ghalkemm il-marka filwaqt li ezamina lill-parti leza seduta stante kienet ghada tidher kienet hafifa hafna u kienet kwazi kompletament fieqet. Dwar xi griehi li l-parti leza f’idu x-xellugija ikklassifikahom bhala hfief.

Fid-dawl ta’ dan u l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata ta’ l-akkuzat hemm l-estremi biex jigi applikat l-Artikolu 216(2) tal-Kap 9. L-akkuza li kiser il-provvediment tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tirrizulta wkoll kemm minhabba l-ammissjoni u kemm bis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta ta’ l-4 ta’ Ottubru, 2000, debitament ikkonfermata.

Rat ghalhekk l-Artikolu 214, 215, 216(2), 221, 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 10 tal-Kap 152. Tikkundannah €200 multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------